MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Numru 763/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**PAUL ZAHRA**

**Illum 14 t'Ottubru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Zahra, 54 yrs, iben Paul u Teodora nee' Borg, imwieled Rabat fit 13 ta' April 1949 u li joqghod 9, Reedemer, Triq il-Kullegg, Sqaq Nru 1, Rabat, detenur ta' karta ta' l-identita bin-numru 361149M gie akkuzat:

Talli bejn 4/3/95 u 18/12/00 fil-fond Pasu Taxi Garage, Virtu Road, Rabat, bhala detenur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm 50 u anqas minn Lm 100 (LM 71.70.6) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

2. Ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-eletriku jew is-sigilli taghhom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MM1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li l-Qorti regghet staqsiet lill-imputat jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Inoltre nnutat li fid-deposizzjoni moghtija fis-Seduta tallum minn Silvio Decelis dan ix-xhud qal li hu rappresentant ta' l-Enemalta Corporation fil-Finance Division u li nkwantu ghall-kaz mertu ta' din il-kawza rigwardanti l-imputat Paul Zahra, dan hallas dak kollu dovut lill Korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz u ghalhekk il-

Korporazzjoni Enemalta ma ghandha l-ebda pretensjonijiet ulterjuri fil-konfront ta' l-imputat rigwardanti dan il-kaz.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Paul Zahra, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u dak li xehed Silvio Decelis fis-Seduta tallum u li saret referenza ghaliha aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Zahra l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------